MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta tas-6 ta' Marzu, 2013

Avviz Numru. 20/2013

**Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Numru 445/12 JAB**
**fl-ismijiet:**

**Nazzareno Vassallo**
**vs**
**Rosanne Zammit**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' Rosanne Zammit li gie pprezentat fir-Registru tal-Qorti nhar it-22 ta' Jannar 2013, fejn esponiet:

*"Illi fuq rikors ta' Nazzareno Vassallo ntavolat fit-13 ta' Frar, 2012, bil-provvediment moghti minn din il-Qorti fl-14 ta' Frar, 2012 gie degretat illi dik il-Qorti kienet qed tilqa' ghall-hrug ta' Mandat ta' Sekwestru ezekuttiv fuq il-flejjes bankarji u/jew salarju tal-esponenti ghall-ammont ta' tlett elef u sebgha u ghoxrin euro u tnejn u sebghin centezmu (€3,027.72);*

*Illi l-Mandat ta' Sekwestru surreferit gie notifikat lill-esponenti fil-11 ta' Jannar, 2013;*

*Illi bl-istess Mandat ta' Sekwestru gie sekwestrat is-salarju tal-esponenti, impjegata bhala clerk fl-Economic Policy Department, Ministeru tal-Finanzi, fl-eccess ta' dak ezentat mil-ligi ai termini tal-Artikolu 382 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Illi skont payslip hawn anness u mmarkat 'Dok A', l-esponenti tircievi salarju ta' sebgha mija u disgha u erbghin ewro u tlieta u tletin centezmu (€749.33) net fix-xahar;*

*Illi l-esponenti hija de facto separata minn ma' zewgha, omm ta' tarbija ta' sena, u r-ragel tal-esponenti ma jaghti ebda forma manteniment lill-esponenti u t-tifla tieghu;*

*Illi apparti l-hlasijiet necessarji ghall-ghixien ta' kuljum, l-esponenti qed tikri dar ta' abitazzjoni versu l-kera ta' mitejn ewro (€200) fix-xahar, u hija wkoll responsabbli ghall-pagamenti tal-kontijiet utilitarji tad-dawl u l-ilma;*

*Illi ghalhekk tezisti raguni valida fil-ligi sabiex jigi revokat il-Mandat ta' Sekwestru surreferit ai termini tal-proviso tal-* **Artikolu 382 tal-Kap. 11** *tal-Ligijiet ta' Malta, fis-sens illi l-esponenti ghandha bzonn dak l-eccess sekwestrat mis-salarju taghha, u cioe' hamsin euro u tnejn u hamsin centezmu (€50.52) kull xahar, ghall-manteniment taghha u tat-tifla taghha;*

*Illi inoltre, u assolutament minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, l-ammont pretiz huwa eccessiv u dan kif ser jirrizulta fis-smiegh tal-kawza.*

*Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet premessi, l-esponenti titlob bir-rispett sabiex dina l-Onorabbli Qorti joghgobha thassar u tirrevoka l-ezekuzzjoni tal-Mandat ta' Sekwestru numru 445/2012 JAB. Bl-ispejjez u b'rizerva ghad-danni."*

Rat ir-risposta tal-intimat Nazzareno Vassallo prezentata fl-atti nhar il-21 ta' Frar 2013 fejn eccepixxa s-segwenti:

"*Preliminarjament l-Artikolu 382 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta ma japplikax ghal kaz odjern.*

*Bla pregudizzju ghall-premess l-esponenti jgib a konjizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti s-segwenti:-*

*Fl-ewwel lok mhuwiex minnu li l-ammont pretiz huwa eccessiv. L-istess sekwestrata wara li giet notifikata bil-mandat ta' sekwestru, permezz ta' e-mail indirizzata s-sekwestrant fl-14 ta' Jannar 2013 iddikjarat li kienet ser thallas "sa lanqas one cent....imma mija mija" (Dok X).*

*Fit-tieni lok li kieku din il-Qorti kellha thassar u tirrevoka l-ezekuzzjoni tal-Mandat ta' Sekwestru numru 445/2012 kif mitlub mir-rikorrenti, jigi li 'wiehed jasal sal-punt li l-artikolu in kwisjoni jigi rez ineffikaci'.*

*Ikun ir-rikorrenti li jsofri pregudizzju kieku din il-Qorti kellha t-tilqa' t-talba tas-sekwestrata ghat-thassir tal-Mandat ta' Sekwestru 445/2012 JAB ghaliex jekk jigri hekk l-ammont dovut jibqa' ma jithallas qatt.*

*Ghaldaqsant l-esponenti ssottometta li din l-Onorabbli Qorti ghandha tichad it-talba tas-sekwestrata Rosanne Zammit ghat-thassir u revoka tal-Mandat ta' Sekwestru numru 445/12 JAB."*

Rat id-digriet taghha fejn appuntat dan ir-rikors ghas-smiegh.

Rat dak li gie verbalizzat fis-seduta tal-25 ta' Frar 2013 fejn Dr Dimitrijevic ghar-rikorrenti talbet korrezzjoni fir-rikors taghha fis-sens illi fejn hemm indikat Kapitolu 16 dan ghandu jigi kancellat u sostitwit b'Kapitolu 12. Rat illi l-intimat ma kellux oggezzjoni ghal tali talba u b'digriet taghha tal-istess jum il-Qorti laqghet it-talba tar-rikorrenti u ordnat li ssir il-korrezzjoni kif mitluba.

Rat dak li ivverbalizza Dr Aldo Vella ghall-intimat kreditur fejn iddikjara li huwa dispost jaccetta li l-effetti tal-Mandat

ta' Sekwestru fil-konfront tas-sekwestrata jigi limitat ghas-somma ta' mitt Ewro (€100) fix-xahar.

Rat ukoll dak li ivverbalizzat Dr Dimitrijevic ghar-rikkorenti u cioe’ li fil-mori ta' dawn il-proceduri gja gew depozitati xi flejjes mill-paga ta’ l-intimata izda hija tat il-permess taghha ghall-izbank taghhom.

Semghet lill-partijiet jitrattaw il-mertu ta’ dan ir-rikors.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta’ digriet moghti minn din il-Qorti diversament preseduta nhar l-14 ta’ Frar 2012 l-Qorti laqghet it-talba tal-intimat sabiex johrog mandat ta’ sekwestru ezekuttiv fuq il-flejjes bankarji u/jew salarju tar-rikorrenti ghall-ammont ta’ tlett elef u sebgha u ghoxrin ewro u tnejn u sebghin centesmu (€3,027.72), liema mandat gie notifikat lir-rikorrenti nhar il-11 ta’ Jannar, 2013. Illi permezz ta’ dan l-istess mandat jidher li gie sekwestrat u dan mhux kontestat mill-intimat is-salarju tar-rikorrenti li hija impjegata bhala *clerk* fl-Ecomonic Policy Department Minsiteru tal-Finanzi. Jidher li dan il-mandat gie ezegwit skond l-Artikolu 382 (1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi in kwantu saret referenza ghall-Artikolu 381(1) u 382 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, jigi rrilevat is-segwenti:

L-Artikolu 381(1)(a) u (b) jiddetta:

**381** (1) *Ma jistghux jinhargu mandati ta’ sekwestru fuq –*

(a) *salarju jew paga (maghdudin il-bonus, allowances, overtime u hlasijiet ohra);*
(b) *beneficcju, pensjoni, allowance jew ghajnuna msemmija fl-Att dwar is-Sigurta’ Socjali jew pensjoni jew allowance ohra ta’ persuna li tinhargilha pensjoni minghand il-Gvern;*

Illi dan l-Artikolu huwa ta’ natura eccezzjonali u fil-kaz ta’ pagi huwa ikkwalifikat bl-Artikolu 382 tal-Kap. tal-Ligijiet ta’ Malta fejn jigi specifikat li l-Artikolu 381 (1)(a) huwa

limitat biss bl-ammont ta' sitt mija u tmienja u disghin ewro u wiehed u tmenin centezmu (€698.81) fix-xahar.

Dan l-artikolu huwa applikabbli meta s-sekwestrarji ikunu l-employers u/jew dipartiment u ma hux applikabbli meta s-sekwestrarji jkunu il-banek. Dan ghaliex hekk kif flejjes jigu depozitati f'kont bankarju huma jigu meqjusa bhala depozitu kummercjali u b'hekk nonostante l-fatt li jistghu ikunu pensjoni/paga/allowance/ghajnuna, hekk kif jigu depositati huma jitilfu in-natura taghhom bhala tali u jigu meqjusa bhala depozitu bankarju.

Dan l-Artikolu jghid li f'kaz ta' salarju, paga eccetera, meta dawn jeccedu Lm300 ossija €698.81 fix-xahar jew dik is-somma li l-Ministru tal-Gustizzja jista', minn zmien ghal zmien jistabilixxi, il-Qorti tista' tordna li jigi sekwestrat l-ammont in eccess ta' din is-somma. Pero' d-debitur jista' wkoll jitlob b'rikors bhal fil-kaz in ezami, sabiex il-Qorti thassar 'in toto' jew 'in parte' l-istess mandat in rigward dan l-eccess jekk jintwera a sodisfazzjoni tal-istess Qorti li d-debitur ghandu bzonn ta' dan l-eccess jew parti minnu ghall-manteniment tieghu jew tal-familja tieghu.

Ma hemmx dubbju kif inghad fis-sentenza moghtija ricentement mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar it-22 ta' Jannar 2013 fl-ismijiet '**Maria Carmela Xuereb vs Chantel Xuereb Mulvaney et'** li "*l-procedura de quo hi ghalhekk intiza biex tesplora r-realta` ezistenzjali tar-rikorrenti biex jigi deciz jekk hux sewwa u gust li l-effett tas-sekwestru jkun dak limitattiv kif statutorjament impost sal-limitu hemm koncess.*"
Ikkunsidrat ulterjorment:

Mhux kontestat illi r-rikorrenti hi '*single mother*' u fil-fatt ghandha tarbija ta' sena u r-ragel ta' l-esponenti ma jaghti l-ebda forma ta' manteniment lir-rikorrenti u lit-tarbija taghha. In oltre r-rikorrenti tghid li apparti l-hlasijiet necessarji ghall-ghixien ta' kuljum hija tikri dar ta' abitazzjoni versu l-kera ta' mitejn ewro (€200) fix-xahar u hija wkoll responsabbli ghall-pagamenti tal-kontijiet utilitarji tad-dawl u ilma. Bhala paga, hi tippercepixxi, skond id-dokument A a fol 3, €749.33 net fix-xahar, u

ghalhekk il-vertenza in dizamina hi limitata ghat-talba tar-rikorrenti senjatament, jekk il-mandat ta' sekwestru numru 445/12 fl-ismijiet premessi u cioe' dak in dezamina ghandux ikun effettiv fir-rigward tal-Artikolu 382 (1) tal-Kap 12, fejn permezz tieghu jigi sekwestrat l-ammont ta' salarju li jeccedi dak hemm stabbilit;

L-intimat qed isostni u jemmen li huwa illum jinsab kanonizzat kreditur tar-rikorrenti minn din il-Qorti diversament preseduta u dan fl-ammont imsemmi fl-istess mandat u cioe' fl-ammont ta' tlett elef, sebgha u ghoxrin ewro u tnejn u sebghin centezmu (€3,027.72) u m'ghandux ibghati dan il-kreditu ghaliex ir-rikorrenti ghandha income baxx jew ghaliex ghandha hafna spejjez. Huwa tal-fehma li dawn l-atti m'ghandhomx jittiehdu in konsiderazzjoni meta din il-Qorti tigi biex tikkunsidra t-talba odjerna ghalkemm ivverbalizza li kien lest li jesegwixxi l-mandat tieghu limitatament ghas-somma ta' mitt ewro (€100) fix-xahar.

Illi l-Qorti ghamlet l-ezercizzju taghha u jirrizulta li mis-somma mensili net li r-rikorenti tircievi jekk titnaqqas is-somma li tista' tigi sekwestrata u cioe' sitt mija u tmienja u disghin ewro u wiehed u tmenin centezmu (€698.81) jibqa' in eccess is-somma ta' hamsin ewro u tnejn u hamsin centezmu (€50.52) fix-xahar.

**Ghaldaqstant din il-Qorti filwaqt li ghar-ragunijiet fuq esposti tirrespingi r-risposta tal-intimat Nazzareno Vassallo, takkolji t-talba tar-rikorrenti Rosanne Zammit u konsegwentement, wara li rat l-Artikolu 382 tal-Kap 12:**

**a. Tordna li l-Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv fuq indikat fl-ismijiet premessi bin-numru 445/12 m'ghandux japplika ghas-salarju mensili <u>kollu</u> percepit mir-rikorrenti Rosanne Zammit izda limitatament ghal dik il-parti li teccedi l-ammont imsemmi fl-artikolu de quo u cioe' l-ammont ta' hamsin ewro u tnejn u hamsin centesmu (€50.52).**

**b. B’hekk tordna li l-mandat ta’ sekwestru 445/2012 fl-ismijiet premessi jibqa’ in vigore b’dan illi pero’ l-principal tar-rikorrenti ghandu biss jissekwestra s-somma ta’ hamsin ewro u tnejn u hamsin centezmu (€50.52) mensilment u jirrilaxja f’idejn ir-rikorrenti l-kumplament tas-salarju taghha.**

**L-ispejjez ta’ din il-procedura jibqghu bla taxxa.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------